**Q O R T I   Ċ I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' April 2018**

Rikors Guramentat Nru.  17/ 15RGM

Kawza fil-lista:  9

**A B C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fil-21 ta' Dicembru tas-sena 2012 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa;

2. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal, Solange u Michele, li t-tnejn ghadhom minuri;

3. Illi meta l-partijiet isseparaw, l-intimat ma kellux impieg u ghalhekk kienu ftehmu, a tenur tal-artikolu 5(a) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni li, *"Peress illi prezentement ir-ragel m'ghandux impieg qed jobbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' mitt Ewro (€100)fix-xahar ghall-kull wild, u cioe' l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) ghaz-zewgt itfal f'daqqa, liema pagament ghandu jigi effetwat fl-ewwel (1)*

*jum ta' kull xahar permezz ta' standing order fil-kont bankarju ntestat fuq isem il-Mara [...]*;

4. Illi l-partijiet kienu ftehmu fl-istess kuntratt illi l-mantenirnent dovut jigi rivedut f'kaz li r-ragel isib ix-xoghol u a tenur tal-artikolu 5(d) ta' l-istess kuntratt, li *"Ghal dak li jirrigwarda manteniment pagabbi ghat-tfal minuri il-partijiet jaqblu illi tali manteniment ghandu jigi rivedut malli l-komparenti Ragel ikollu impieg fiss. Ghal dan ir-Ragel jintrabat li javza lill-Mara hekk kif isib impieg"*;

*5.* Illi inoltre f'kaz illi r-ragel isib impieg, il-partijiet qablu a tenur tal-artikolu 5(e) illi, *"malli l-komparenti ragel, ikollu impieg fiss u/jew awment fis-salarju tieghu, is-segwenti pagamenti u spejjez ghandhom jinqasmu bejniethom:*

*i.* *L-ispejjez kollha relatati mas-sahha u l-kura medika tat-tfal;*
*ii.* *L-ispejjez inkorsi ma' l-edukazzjoni tat-tfal [...];*
*iii.* *L-ispejjez tat-trasport ta' l-iskola jekk iz-zewg partijiet jaqblu li jkun hemm il-htiega ghalih;*
*iv.* *L-ispejjez ta' lezzjonijiet tal-privat jekk il-partijiet jaqblu li jkun hemm htiega ghalihom kif ukoll dejjem jekk it-tfal jattendu ghalihom;*
*v.* *Il-mizati ta' l-iskola [...];*
*vi.* *L-ispejjez ta' lezzjonijiet privati extrakurrikulari purche' t-tfal jattendu ghalihom u z-zewg partijiet jaqblu illi t-tfal ghandhom jattendu dawn il-lezzjonijiet."*

6. Illi l-esponenti saret taf li c-cirkostanzi tal-intimat inbidlu peress li issa sab impieg fiss;

7. Illi inoltre minhabba l-bzonnijiet skolastici ta' uliedha minuri, l-esponenti kellha tnaqqas il-hinijiet tax-xoghol taghha u minhabba f'hekk biddlet l-impieg taghha. Billi s-sieghat gew ridotti, s-salarju taghha kellu jonqos;

8. Illi ghaldaqstant l-esponenti bdiet proceduri ta' medjazzjoni ghal talba dwar revizjoni u awment ta' manteniment tal-minuri wara li minkejja diversi interpellazzjonijiet l-intimat baqa' ma resaqx ghal revizjoni;

9. Illi fil-kors tal-medjazzjoni l-intimat baqa' jirrifjuta illi jirrevedi il-manteniment ghat-tfal minuri b'mod ragonevoli a tenur tal-artikolu 5(d), u l-anqas ma huwa jhallas nofs l-ispejjez dovuti a tenur tal-artikolu 5(e) tal-kuntratt ta' separazzjoni;

*10.* Illi ghal dak li jirrigwarda l-access tal-intimat ghat-tfal, il-kuntratt ta' separazzjoni jistipula fl-artikolu 4(b) illi, *"Il-komparenti ragel ghandu jgawdi access liberu u ampju versu l-imsemmija tfal minuri bi preavviz ta' erbgha u*

*ghoxrin (24) siegha. Madakollu, il-komparenti partijiet jaqblu illi fin-nuqqas ta' qbil bejniethom, l-ulied minuri ghandhom jirrisjedu, ghand ir-ragel kif gej:*

i. *Nhar ta' Tlieta mill-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm) sad-disgha ta' filghaxija (9.00pm);*
ii. *Nhar ta' Hamis mill-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm sad-disgha ta' filghaxija (9.00pm);*
iii. *Nhar ta' Gimgha mis-sitta ta' filghaxija (6.00pm) sa l-ghada s-Sibt sal-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm) ghall-ewwel gimgha, u fil-gimgha ta' wara mis-Sibt fid-9.00am ta' filghaxija (9.00pm) sa l-ghada l-Hadd sas-sitta ta' filghaxija (6.00pm) u dan b'mod alternat fil-gimqhat susssegwenti";*

11. Illi minhabba bidliet fil-bzonnijiet skolastici tal-minuri, l-esponenti kienet talbet li hinijiet stipulati fl-artikolu 4(b) jinbidlu;

12. Illi fir-rigward tat-talba ta' l-esponenti ghal tibdil fil-hinijiet, tul il-kors tal-medjazzjoni l-intimat ukoll baqa' ma resaqx ghal ftehim;

13. Illi din il-medjazzjoni inghalqet minghajr success nhar it-23 ta' Dicembru tas-sena 2014 u konsegwentement kellhom jitressqu l-proceduri odjerni;

14. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'din il-kawza permezz ta' Digriet Nru 2950/2014.

<u>Raguni tat-Talba:-</u>

15. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-esponenti qieghda ghalhekk taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevedi l-manteniment attwali pagabbli lilha mill-intimat ghal kull wild, billi dan jizdied b'mod ragonevoli tenut kont tat-tibdil fil-mezzi ta' l-intimat u dan peress li sab impieg fiss u ghalhekk jiskatta l-artikolu 5(d) tal-kuntratt ta' separazzjoni permezz ta' liema l-manteniment irid jigi rivedut, tal-bzonnijiet tat-tfal minuri, tat-tibdil fil-mezzi tar-rikorrenti peress li dawn naqsu, u tenut kont ukoll tal-kundizzjonijiet l-ohra fil-kuntratt ta' separazzjoni, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni;

16. Illi inoltre l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevedi l-access ta' l-intimat ghall-ulied minuri b'mod li jittiehdu in konsiderazzjctrti il-bidliet fil-bzonnijiet skolastici ta' l-istess minuri;

Talbiet:-

Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddeciedi billi:-

1. Tordna illi l-manteniment attwali pagabbli lilha mill-intimat ghal kull wild jigi rivedut ai termini tal-klawsola numru 5(d) tal-kuntratt ta' separazzjoni ghak dik is-somma ghola minn €100 fix-xahar ghal kull wild, li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna u dan minghajr pregudizzju ghall-obbligi l-ohra tal-intimat fil-kuntratt ta' separazzjoni b'mod partikolari ghall-artikolu 5(e) tal-istess kuntratt;

2. Tiddikjara illi l-awment fil-manteniment ghal kull wild hekk rivedut u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jiehu effett mid-data ta' meta l-intimat jigi dikjarat li sab impieg fiss a tenur ta' l-artikolu 5(d) tal-kuntratt ta' separazzjoni;

3. Tiddikjara illi l-intimat jiddepozita tali manteniment direttament fil-kont bankarju ta' l-attrici li jigi ndikat minnha;

4. Tordna illi l-access ta' l-intimat ghall-ulied minuri jigi rivedut;

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti jirrileva li rigward l-ewwel u t-tieni talbiet, huwa diga qieghed jamministra bona volonta tieghu, l-ammont ta’ tlett mitt ewro (Ewro 300) mensilment, liema ammont ilu issa jigi amministrat regolarment sa minn Novembru 2014.

2. Illi l-eccipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba, b’dan li tali ammont ma ghandux jaqbez kumplessivament is-somma ta' tlett mitt ewro (Ewro 300) mensilment.

3. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti ghandha iggib il-provi rigward l-introjtu shih taghha, u l-hinijiet tax-xoghol li hija ghandha tul il-gimgha.

4. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx mar-raba' talba tar-rikorrenti, u dan stante li ma tezisti l-ebda raguni ghal akkoljiment ta’ tali talba.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-affidavit tal-attrici, ta' missierha Michael C u ta' ohtha Susan C annessi ma' nota ipprezentata fl-10 ta' April 2015;

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici anness ma' nota tal-11 ta' Mejju 2015;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fis-27 ta' Mejju 2015;

Rat ix-xhieda tal-attrici in kontroezami li xehdet fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2015;

Rat x-xhieda tal-konvenut li xehed in kontroezami fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015, fis-seduta tal-4 ta' Frar 2016 u fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta' Novembru 2015 li maghha annetta Rendikont tat-Taxxa, korrispondenza relatata mal-kuntratt tal-impieg tieghu, l-Employment History tieghu, Payslip ricenti u Formula tat-Taxxa;

Rat ix-xhieda ta' Sarah Borg li xehdet fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2016;

Rat ix-xhieda ta' Dottor Astrid May Grima, ghall-Identity Malta li xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Jane B, omm il-konvenut, li xehdet fis-seduta tas-6 ta' April 2017 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-konvenut ipprezentata fl-1 ta' Gunju 2017 li maghha annetta 'chat' bejn il-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2018 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

## IL-PROVI.

**L-attrici A B C**, fl-affidavit taghha mahluf fid-9 ta' April 2015,[1] iddikjarat li zzewwget lill-konvenut D B fid-19 ta' Ottubru 2002, kellhom relazzjoni tajba tant

[1] Fol 32.

li twieldet t-tifla Solange fit-2003 u fit-2010 kienet tqila bit-tifel Michele. Fit-30 ta' Jannar 2011 saret taf mill-messaggi li rat fuq il-mobile tieghu, li zewgha kellu relazzjoni ma' Giovanna Mirabile Bartolo li kienet tahdem fl-Inspire Foundation fejn kienu jahdmu huma ukoll. Hi weldet lit-tifel Michele fl-istess gurnata li saret taf bir-relazzjoni ta'zewgha.

L-attrici tkellmet ma' Giovanna Mirabile Bartolo, li ammettiet li kien hemm "kunfidenzi zejda" mal-konvenut, izda cahdet li kien hemm relazzjoni bejniethom. L-attrici, pero' sabet diversi oggetti fosthom rigali, emails, messaggi fuq il-mobile u facebook u kienet konvinta li kien hemm relazzjoni barra miz-zwieg.

Hi ppruvat issalva z-zwieg, il-genituri taghha hallsulhom 'cruise' fil-Mediterran f'Awissu 2012 u l-partijiet marru bit-tfal u l-genituri tieghu. F'Mejju 2011 il-konvenut ittermina l-impieg tieghu mal-kumpanija fejn kienet tahdem s-siehba tieghu, pero' kien kollu ghal xejn billi r-relazzjoni bejn il-konvenut u Giovanna Mirabile Bartolo baqghet ghaddejja tant li ghadhom sallum flimkien.

L-attrici tghid li hi ma baqghetx tahdem fl-istess kumpanija billi wara li saret taf bir-relazzjoni, is-siehba ta' zewgha nghatat promozzjoni, saret s-superjura taghha, kibret l-animozita' bejniethom u kienet taghmillha hajjitha difficili hafna fuq ix-xoghol. L-attrici tghid li kien hemm okkazzjonijiet meta waqt li hi kienet ix-xoghol, l-habiba ta'zewgha kienet tghidilha li kienet fid-dar matrimonjali taghha ma' zewgha. Kien ghalhekk li l-attrici ddecidiet li tbiddel l-impieg taghha u illum qed tahdem bhala 'senior clerk/job coach mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig(ETC) fuq bazi 'part time'.

Il-kuntratt ta' separazzjoni personali gie iffirmata fil-21 ta' Dicembru 2012 u ppubblikat minn Nutar Dottor Dorianne Arapa. Billi zewgha f'dak iz-zmien ma kienx impjegat naghtat il-parir li zewgha jhallasha manteniment ta' €100 fix-xahar ghal kull wild li pero' jigi rivedut malli l-konvenut ikollu impieg fiss, u jew awment fis-salarji tieghu meta kellu ukoll jibda jhallas nofs l-ispejjez medici u nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tat-tfal.

L-attrici kienet taf li zewgha kellu xi xoghol mal-One Productions Limited, kellu xi programm fuq ir-radio, kien jaghmel xoghol ta' DJ u kellu xi reklami fuq l-istazzjon televiziv.

F'Gunju 2010 meta kienet ghadha ma tafx bir-relazzjoni li kellu, zewgha kien qalilha li xtaq jixtri Renault Megane li tiswa xi €18,000 u jaghmel loan mal-Bank biex jhallasha. Il-pagamenti kellhom jithallsu fuq perjodu ta' seba' snin. Fil-kuntratt tas-separazzjoni din l-vettura giet assenjata lilu bl-obbligu li jibqa' jhallas il-pagamenti. Billi dawn l-pagamenti jissuperaw il-manteniment li jhallas ghat-tfal

l-attrici kienet issuggerietlu li jbiegh il-karozza biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' uliedu, izda hu rrifjuta.
Fis-sajf tat-2013 il-konvenut fetah hanut f'Bormla, beda jdoqq fi stabbiliment f'Bugibba u wara fl-istabbiliment 'Casablanca' f'Bahar ic-Caghaq u ghalkemm kien hemm dan it-tibdil fix-xoghol tieghu hu qatt ma zied il-manteniment u l-anqas hallas sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha tat-tfal, ghalkemm l-attrici kienet talbitu b'ittra tal-avukat.

Il-proceduri ta' medjazzjoni li bdew f'Settembru 2013 naghlqu bla success billi l-konvenut baqa' jirrifjuta li jirrevedi l-manteniment b'mod ragjonevoli, u li jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tfal.

L-attrici pprezentat affidavit ulterjuri anness ma' nota tal-11 ta' Mejju 2015.[2] Hi ddikjarat li bdiet tahdem mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) fl-4 ta' Marzu 2015. Hi pprezentat Pay Slip, Dok EVO4 u jirrizulta li rceviet l-ammont ta'€643.49 ghax-xahar bejn s-26 ta' Frar 2015 u l-25 ta' Marzu 2015, u mill-Pay Slip, a fol 44 jirrizulta li l-basic salary taghha hu ta' €896.88 fix-xahar. Kienet kostretta tbiddel l-impieg taghha billi s-sezzjoni fejn kienet impjegata kienet taqa' taht l-Inspire Foundation. In oltre, mal-ETC ma kelliex hinijiet flessibbli u ma kienitx tlahhaq mal-esigenzi tat-tfal. Kellha problema nhar t'Erbgha billi kienet tispicca tard mix-xoghol ma kienitx tista' twassal lit-tifla ghall-privat. Qabel iddecidiet li tbiddel l-impieg staqsiet lill-konvenut biex jghinha u jiehu lit-tifla hu ghall-privat, izda r-risposta tieghu kienet biex tibdel it-teacher tal-privat u hu johodha meta jkollu l-access. Ghalhekk kellha tibdel l-impieg taghha u fl-ahhar ta' April sabet impieg mal-Agenzija Identity Malta, full time, b'hinijiet aktar flessibbli u b'salarju ta'€888.94 fix-xahar.

Hi ddikjarat li l-access tal-konvenut ghat-tfal ghandu jigi rivedut minhabba l-esigenzi ta' hinijiet taghhom u li ma ghandux idum sad-9.00pm.

Fis-sena 2013 l-attrici hadet loan mill-HSBC Bank (Malta) plc biex taghmel xi spejjez fid-dar u l-bilanc f'Novembru 2014 kien ta' €5,648.45.

Hi tikri garage f'Marsascala bil-kera ta' €233 kull sitt xhur.

Hi annettiet kopja tal-kont tad-dawl u l-ilma, tat-telephone u prospett tal-ispejjez li kellha tat-tfal bejn Settembru 2013 u Marzu 2015. Dawn hallsithom kollha hi, l-konvenut qatt ma hareg sehemu ghalkemm kien jaf b'dawn l-ispejjez.

[2] Fol 41.

L-attrici xehdet in kontroezami fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2015.[3] Hi ddikjarat li dwar l-access ghat-tfal kien hemm koperazzjoni bejniethom. Ghalkemm skond il-kuntratt il-konvenut kellu jirritorna t-tfal fid-9.00pm billi jridu jqumu kmieni fil-ghodu ghall-iskola ftehemu li johodhom lura fis-7.30pm.
L-attrici qablet li minn Novembru 2014 il-konvenut kien qed ihallasha €300 fix-xahar u mhux €200 kif indikat fil-kuntratt, pero' anke wara li beda jahdem baqa' ma jhallasx sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha tat-tfal ghalkemm kienet taghtih rendikont tal-ispejjez kollha li kienet taghmel.

**Michael C**, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta' April 2015,[4] iddikjara li sar jaf li kien hemm xi haga hazina fir-relazzjoni tal-partijiet fil-bidu tat-2012. Bintu l-ohra Susan kienet qaltlu li kienet dahlet mara ohra bejniethom. Hu jghid li kellu rispett kbir ghall-konvenut, tant li ssuspetta li kienet bintu li ghamlet tort lilu u mhux viceversa. Jghid li kien jahlef ghalih u meta avvicinah kliemu kien biss "Jiena zbaljajt".

Ix-xhud jghid li ghamel hafna mal-konvenut biex jghinu finanzjarjament minn qabel ma zzewweg lill-bintu A. Meta il-konvenut u l-attrici ltaqghu l-konvenut kien jahdem ta' 'delivery man' u billi dan kien xoghol ta' strapazz u bil-paga minima, x-xhud iddecida li jdahhlu mieghu 'full time' fil-hanut li kellu f'Marsascala. Il-konvenut kien anke talab lix-xhud biex jibda jmexxi l-hanut wahdu, pero' x-xhud jghid li dan ma sarx ghax ma kellu l-ebda intenzjoni li jirtira ghalkemm f'mohhu dejjem kellu l-hsieb li eventwalment il-hanut jghaddih lill-bintu u zewgha.

Ix-xhud jghid li kellu propjeta' f'Marsascala li kien ser ibiegh pero' meta bintu l-attrici qaltlu li kienet ser tnur tghix f'Bormla ghand omm il-konvenut, hu u martu ddecidew li flokk jbieghu l-propjeta' jghadduha b'kera baxxa lill-binthom u zewgha.

Hu u martu baqghu jghinu finanzjarjament lill-partijiet anke wara li beda l-inkwiet bejniethom. Hallsulhom ghall-vjagg u haduhom vakanza u baqghu jghinu finanzjarjament lill-attrici, li ghalkemm kellha impieg 'full time' ma kienx jirnexxielha wahedha tkopri l-ispejjez kollha tal-familja.

Ix-xhud jaf li l-konvenut kellu jiftah hanut f'Bormla bil-kera ta' LM3 kull jum, u jaf ukoll li l-konvenut jahdem mal-One Productions Limited, ghandu programm fuq ir-radio u riklami fuq it-television.

---

[3] Fol 130.
[4] Fol 30.

**Susan C**, oht l-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta’ April 2015,[5] ddikjarat li ghandha relazzjoni tajba hafna ma’ ohtha u saret taf li kienet dahlet mara bejn il-partijiet ftit wara li ohtha harget mill-Isptar wara li weldet lit-tifel Michele. L-attrici kienet qaltilha li rat xi messaggi fuq il-mobile tar-ragel li kienu juru li kellu xi tip ta’ relazzjoni ma' Giovanna Mirabile Bartolo li kienet tahdem mal-attrici l-Inspire Foundation.

Hi tghid li kellha rispett kbir ghall-konvenut u qatt ma stennietha minghandu. Kemm hi kif ukoll l-familjari taghha ghamlu hafna mal-konvenut biex jtejjeb il-posizzjoni finanzjarja tieghu. Missierha kien impjega lill-konvenut ‘full time’ fil-hanut tieghu biex jevitalu x-xoghol ta’ strapazz ta’ deliveryman fuq paga minimia, meta kienu ghadhom gharajjes. Ghamel s-snin jahdem hemm qabel dahal mal-Eden Foundation, illum Inspire.

Hi kienet tghin lil ohtha l-attrici biex tirranga r-relazzjoni taghha ma' zewgha, u talbitha tafhirlu billi t-tfal kienu ghadhom zghar. L-attrici pero’ kompliet issib il-messaggi fuq il-mobile ta’ zewgha u mbikkma kienet iccempillha u tghidilha li r-relazzjoni ma’ zewgha ma kienitx ser tirranga.

L-attrici kienet qalet lil ommha bl-inkwit li kellha xi tlett xhur wara li twieled Michele, ix-xhud saret taf minn ommha, izda il-missier sar jaf wara xi sena, dan ghaliex kien marid b’qalbu u l-konvenut ghalih kien qisu ibnu, tant li ghall-ewwel issuspetta hazin fl-attrici.

L-attrici meta rat li ma kienx possibbli li tirranga xtaqghet li tevita l-Qorti u ghazlet it-triq tas-separazzjoni bonarja. Dak iz-zmien pero’ l-konvenut kien telaq minn ma' l-Inspire Foundation u ma kellux impieg bil-ktieb tax-xoghol. Kien ghalhekk li l-attrici accettat ammont baxx ta’ manteniment bl-intendiment li dan jizdied jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenut titjieb.

Hi ddikjarat li tghin lill-ohtha finanzjarjament, offritilha li thallsilha il-mizati tal-iskola tat-tfal mentri l-konvenut ihallas biss €200 fix-xahar u qatt ma jikkontribwixxi ghal spejjez ohra ta’ skola, ta’ sahha u ta’ attivitajiet ohra tat-tfal.

Hi taf li l-konvenut jahdem mal-One Productions, ghandu programm fuq ir-radio u meta tghaddi mill-Marsa tara il-karozza tieghu Renault Megane pparkjata fil-parking tal-One Productions.

Hi taf li jdoqq fi stabbiliment Casablanca f’Bahar ic-Caghaq u ezebit ritratti li gew immarkati Dok SA1 sa Dok SA4. Il-konvenut jonfoq il-flus fil-hrug mal-habiba, pprezentat zewg ritratti, Dok SD5 u Dok SD6.

---

[5] Fol 28.

Semmiet episodju fejn it-tifla tal-partijiet Solange talbet zewg liri lill-missierha biex tixtri ktieb, qalilha li ma ghandux biex jghix u spiccat tathomlha hi ghax taf li t-tifla bil-ghaqal.

Ipprezentat r-ritratti Dok SD7 u SD8 ritratti li l-konvenut pogga fuq Facebook li juru lil Giovanna Mirabile Bartolo fuq vakanza fil-Hilton u ddikjarat li kien jiddispjaciha ghal ohtha li kompliet tahdem biex uliedha ma jkunu nieqsin minn xejn u thoss ukoll ghan-neputijiet taghha li jimmeritaw aktar minn missierhom.

**D B il-konvenut** ipprezenta l-affidavit tieghu anness ma' nota tas-27 ta' Mejju 2015.[6] Hu ddikjara li hu u martu sseparaw b'kuntratt tal-21ta' Dicembru 2012 meta ma kellux impieg pero hu dejjem irsista li jsostni lil uliedu bl-ahjar mod kemm finanzjarjament kif ukoll billi jqatta' hafna hin maghhom.

Hu jghid li ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni u xtaq li jkollu stabilita' finanzjaja biex jkun jista' jzied l-manteniment ghat-tfal. Kien ghalhekk li ddecida li jiftah haunt zghir bit-tama li jkollu introjtu fiss, sfortunatament l-pjan ma rrnexxiex billi n-negozju mar hazin kellu jaghlaq il-hanut u intela' dejn.

Meta kellu l-hanut kien registrat bhala 'self employed' bejn Marzu 2013 u Gunju 2014, u obbliga ruhhu li jipprezenta d-dokumenti relattivi mill-ETC.

F'Lulju 2014 sab impieg 'full time' bhala 'Audio Production and Presenter' mal-One Productions b'kuntratt ta' sena. Hu kien familjari ma' dan ix-xoghol billi ghal diversi snin qabel kien jaghmel dan ix-xoghol fuq bazi 'part time'. Hu pprezenta il-Pay Slip ghax-xahar ta' April 2015, Dok RV1 fejn jirrizulta li ghal dak ix-xahar qala' €1,028.32.

Hu ddikjara li minn Novembru 2014 lill-martu hallasha manteniment ta'€300 flok €200 kif indikat fil-kuntratt. Hu ghamel proposta lill-martu f'dan s-sens cioe' li jibqa' jhallas manteniment ta' €300 fix-xahar pero' martu pprocediet bil-kawza.

Hu ndika l-ispejjez li ghandu kull xahar li huma:
Fuel u mobile €140.
Kontribut lill-genituri tieghu €100.
Infiq addizjonali ghat-tfal €150.
Loans €240.

[6] Fol 125.

Hu ddikjara li jghix mal-genituri tieghu u ohtu xebba u billi mhux f'posizzjoni li jixtri propjeta' u billi darba fil-gimgha t-tfal jorqdu mieghu jikkontribwixxi €100 fix-xahar lill-genituri tieghu biex jghin fl-ispejjez ta' kull jum.

Dwar l-ispejjez addizjonali tat-tfal ddikjara li dawn jvarjaw u hu jhallas skont ir-ricevuti li tibghatlu l-mara minn xahar ghal xahar.

Dwar l-access ghat-tfal hu ddikjara li ghandu access darbtejn fil-gimgha ghal xi satghejn u sleep over. Dawn il-hinijiet gieli jinbidlu bi ftehim bejniethom. Fis-sajf il-hinijiet jizdiedu u t-tfal iqattghu erba' sighat fil-gimgha ghal darbtejn u sleep over.

Iddikjara li biex jkun jista' jkopri l-ispejjez li ghandu kull xahar mhux f'posizzjoni li jhallas aktar minn €300 fix-xahar manteniment.

Xehed in kontroezami fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015.[7] Hu ddikjara li minn Lulju 2014, jahdem mal-One Productions bhala Audio Person, jahdem fi programmi live on air u jaghmel editing ta' programmi u reklami. Jahdem mit-8.00am sal-4.30pm mit-Tnejn sal-Gimgha bil-paga ta' €1026 fix-xahar. Qabel ghamel 17-il sena jahem xi erba' sieghat kull jum u kien jithallas xi €100 fix-xahar.

Kien jahdem ukoll fuq bazi 'full time' mal-Inspire u l-Eden Foundation.

Jahdem ukoll bhala DJ fl-istabbiliment Casablanca fil-weekend mis-sajf tas-sena 2014. Dan hu l-isvogg tieghu u jithallas b'xi kontribuzzjoni ta' xi €30 jew bartering billi jaghtuh xi biljetti. Il-konvenut obbliga ruhhu li f'zmien gimgha jindika b'nota l-isem u l-kunjom tal-persuna li ftiehem maghha dwar x-xoghol ta' DJ fil-Casablanca.

Hu qal li mill-hanut telf kellu u pprezenta bhala Dok VR1 rendikont ghas-sena 2013.

Hu ddikjara li ghandu loan tal-karozza li kien xtara hanes snin qabel bil-prezz ta' €13,000, jhallas €200 fix-xahar.

Il-konvenut rega' xehed in kontro ezami fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015.[8] Hu ammetta li ilu sentejn f'relazzjoni u li meta bdiet din r-relazzjoni kien ghadu ma martu. Ghalkemm jghix ghand ommu l-konvenut iddikjara li gieli jirrisjedi ghand il-habiba li jisimha Giovanna Mirabile. Qabel ukoll li fis-sajf siefer mal-partner tieghu. Meta t-tfal ikollhom sleep over hu jigborhom fis-6.00pm u joqghod

[7] Fol 143.
[8] Fol 184.

maghhom sakemm jorqdu ghand ommu u jmur xoghol fil-Casablanca fil-11.00pm.

Fis-seduta tal-4 ta' Frar 2016[9] il-konvenut iddikjara li jaf lil certu Joseph Zammit li jopera l-istabbiliment Casablanca f'Bahar ic-Caghaq u li ilu jafu xi sena u nofs minn mindu beda jdoqq bhala DJ hemmhekk. L-ahhar li daqq kien s-Sibt ta' qabel u kienet infurmatu b'telefonata, Sharon Borg li hi il-manager ta' Casablanca. Il-konvenut qal li hu d-DJ regolari li jdoqq bejn is-Sibt u l-Hadd. Jmur hemm xi l-10.30 pm, jibda jdoqq fil-11.00pm u jaghamel sas-2.00am jew it-3.00am pero' jiddeppendi, average ta' hames sieghat. Hu qabel, kif gie mistoqsi li beda x-xoghol full time mal-One Productions fl-1 ta' Lulju 2014 meta kienu qeghedin fil-proceduri tal-medjazzjoni u li kien offra li jhallas €350 li kellu jinkludi l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tfal.

Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017,[10] l-konvenut gie mistoqsi dwar 'c-chat' li pprezenta b'nota tal-1 ta' Gunju 2017. Huma sseparaw 'de facto' fit-2012 u din c-chat saret xi ftit zmien wara. Kien ilhom biss ftit zmien li sseparaw u kienu ghadhom ghadejjin il-batti bekki bejniethom. Il-konsulent legali tal-attrici rrileva li giet ipprezentata parti biss minn din c-chat pero' ma saritx insistenza biex tigi pprezentata il-kumplament tac-chat.

**Sarah Borg**, xehdet fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2016.[11] Hi ddikjarat li kienet taf lill-konvenut mill-Casablanca fejn kienet tahdem. Dal l-istabbiliment ghamel sentejn u xahar jopera u ghalaq fi Frar 2016 billi nbidlu s-sidien. Qabel kien Lounge Bar u issa ghandu jinfetah bhala Restaurant, pero' x-xhud iddikjarat li ma ghandha l-ebda konnesjoni mas-sidien il-godda.

L-ewwl darba li rat lill-konvenut kien xi sentejn qabel meta dan kien qed jikellem mal-boss' taghha Joseph Zammit. Hi ma kienitx thallas lill-impjegati; dan kien isir minn joseph Zammit izda billi dan ma tantx kien ikun hemm kienu ftehemu li qabel jitlaq Reato taghtih xi haga li qablu li kellha tkun €30 li kienet thallsu cash.

**Dottor Astrid May Grima**, Chief Legal Officer fl-Identity Malta xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[12] Hi ddikjarat li l-attrici, A B C tahdem mal-Identity Malta mit-22 ta' April 2015, erbghin siegha fil-gimgha mit-Tnejn sal-Gimgha mis-7.30 am sal-4.00pm u ghandha paga ta' €12,269 fis-sena. Fid-dipartiment fejn tahdem ma jinghatax 'overtime'. Hi ghandha il-kariga ta' Assistant Clerk u tahdem fl-EU Section fl-Expatriates Unit.

---

[9] Fol 192.
[10] Fol 262.
[11] Fol 211.
[12] Fol 248.

**Jane B**, omm il-konvenut xehdet fis-seduta tas-6 ta' April 2017 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[13] Hi ddikjarat li t-tfal tal-partijiet, Solange ta' tlettax il-sena u Michele ta'sitt snin jghixu mal-attrici u binha ghandu access ghat-tfal nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis fix-Xitwa bejn il-5.00pm u s-7.30pm u fis-Sajf bejn il-5.00pm u d-9.00pm kif ukoll sleepover mill-Gimgha ghas-Sibt u l-gimgha ta' wara mis-Sibt ghall-Hadd. Hi tara lit-tfal meta jkunu ma' binha li jipprova jikkuntenthom f'kollox.

Darba l-attrici kellmitha fuq it-telephone u qaltilha li "riedet issallab lil D" qaltilha ukoll biex ma tibqax tigbor lit-tifel mill-iskola, billi hi kienet tmur ghalih in-Nursury. Qabel ma nqala' dan l-incident l-attrici kienet tiehu t-tfal ghandha qabel tmur ghax-xoghol u terga tmur ghalihom wara x-xoghol. Meta l-attrici kellha bzonn issiefer, it-tfal kienet halliethom ghandha. Ix-xhud iddikjarat li t-tfal "huma d-dawl ta' ghajnejja" u hi lesta li zzommhom ghandha kemm-il darba l-attrici tippermettielha. Hi ddikjarat li ghandha relazzjoni tajba hafna mat-tfal.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fid-19 ta' Ottubru 2002 u ghandhom zewgt itfal, Solange li twieldet fl-10 ta' Dicembru 2003 u Michele li twieled fit-30 ta' Jannar 2011. Huma sseparaw b'kuntratt tal-21 ta' Dicembru 2012, Dok EVD2 a fol 7 et seq.

Meta gie iffirmat l-kuntratt ta' separazzjoni, billi l-konvenut ma kellux impieg obbliga ruhu li jhallas €100 fix-xahar manteniment ghal kull wild. Il-partijiet qablu ukoll li malli l-konvenut ikollu impieg fiss, para 5(d) tal-kuntratt, il-manteniment ghadu jigi rivedut, u skont il-paragrafu 5(e), malli l-konvenut ikollu impieg fiss u/jew awment fis-salarju tieghu, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet l-ispejjes kollha relatati ma sahha u edukazzjoni tat-tfal, l-ispejjes ta' transport, ta' lezzjonijiet privati, l-mizati tal-iskola u l-ispejjez ta' lezzjonijiet privati extrakurrikulari purche il-partijiet jaqblu li t-tfal ghandhom jattendu ghal dawn il-lezzjonijiet. Dawn ghandhom jithallsu mill-partijiet rispettivi mal-prezentata tar-ricevuta/invoice tal-istess spiza jew pagament, para 5(f) tal-kuntratt. Il-partijiet reciprocament iddikjaraw li ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment lill-parti l-ohra, para 2 u 3 tal-kuntratt.

Il-konvenut meta xehed fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 iddikjara li mill-impieg tieghu mal-One Productions jaqla' €1,026 fix-xahar. Mid-Dok RV3 anness ma' nota minnu pprezentata fis-6 ta' Novembru 2015 jirrizulta li ghax-xahar ta' Awissu 2015 rceva paga ta' €1,218.84 gross, €1,000.19 net.

[13] Fol 251.

Irrizulta ukoll li l-konvenut jaghmel xoghol ta' DJ generalment bil-lejl bejn is-Sibt u l-Hadd. Ghamel xi zmien jaghmel dan ix-xoghol fl-istabbiliment Casablanca f'Bahar ic-Caghaq, li skont ix-xhud Sarah Borg, li xehdet fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2016, ghalaq fi Frar tal-istess sena, "l-gimgha ta' wara l-Valentine's" u l-konvenut kien jithallas €30 ghal kull serata.

Il-konvenut jghix ghand il-genituri tieghu, m'ghandux spejjez ta' kera ghalkemm iddikjara li jaghmel kontribuzzjoni ta'€100 fix-xahar lill-ommu ghall-ispejjez tal-hajja.

L-attrici tahdem mal-Identity Malta u kif irrizulta mix-xhieda tac-Chief Legal Officer fl-Identity Malta ghandha paga ta' €12,269 fis-sena. Jirrizulta ghalhekk li l-partijiet jaqalghu individwalment ftit aktar minn €1000 fix-xahar.

It-tfal jirrisjedu mal-omm u l-missier ghandu access dartejn fil-gimgha saghtejn kull darba u sleep over fil-weekend.

B'effett minn Novembru 2014 l-konvenut qed ihallas €300 fix-xahar manteniment u mhux €200 kif kien ihallas skont il-kuntratt meta ma kellux impieg fiss.

Ikkunsidrat;

L-Artikoli tal-Kodici Civili li jirreferu ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment ghall-uliedhom huma s-segwenti:

Artikolu 7.

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

Artikolu 19.

(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

Artikolu 20.

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

Artikolu 54.

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kaz ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied…….

Fil-kaz in ezami, apparti l-provvedimenti tal-ligi dwar il-manteniment, s-separazzjoni tal-partijiet hi regolata bil-kuntratt ta' separazzjoni personali pubblikat fil-21 ta' Dicembru 2012. L-attrici qed titlob l-implimentazzjoni ta' dik il-klawsola partikolari fil-kuntratt li tipprovdi illi una volta tavvera ruhha l-kondizzjoni illi "tali l-manteniment ghandu jigi rivedut malli l-komparenti Ragel ikollu impieg fiss. Ghal dan ir-Ragel jintrabat li javza lill-Mara hekk kif isib impieg".

Irrizulta li b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 il-konvenut kellu impieg fiss.

Effettivament il-kontestazzjoni bejn il-partijiet mhiex jekk ghandux jizdied jew le l-manteniment ghat-tfal, izda il-quantum ta' tali zieda.

Il-konvenut iddikjara li b'effett minn Novembru 2014, minn rajh beda jhallas l-ammont ta' €300 fix-xahar u li bl-ispejjez li ghandu mhux f'posizzjoni li jhallas aktar minn hekk.

Ikkunsidrat;

Fil-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 ntqal:

"Wiehed l-ewwel net ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."

Mill-provi rrizulta li l-konvenut jaqla' aktar minn €1,000 fix-xahar, ghandu il-potenzjal li jzied d-dhul tieghu billi jista' jahdem ta' DJ nhar ta' Sibt, u m'ghandux spejjez ta' kera billi jghix ghand ommu. Il-konvenut isemmi diversi spejjez li jhallas fix-xahar fosthom €100 li jhallas lil ommu, loan repayments u spejjez ohra.

Dwar id-dhul tal-konvenut, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien ekonomiku mal-verita'. Dwar id-dhul tieghu meta jaghmilha ta' DJ ghal hames sieghat matul il-lejl, il-Qorti tqis li mhux verosimili illi ghal dak l-ammont ta' sieghat ta' xoghol fis-sieghat tal-lejl wiehed jithallas is-somma mizera ta' €30.

Fl-istess hin il-konvenut, fil-kwalita' tieghu ta' missier ta' zewg minuri huwa fl-obbligu illi jhallas manteniment adegwat tenut kont illi meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni huwa ma kellux impieg. Mill-mument li beda jahdem skatta l-obbligu li l-ammont nominali ta' manteniment jizdied adegwatament fid-dawl tad-dhul tal-konvenut u l-htigijiet tal-minuri kif jirrizultaw mill-atti.

Wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz hi tal-fehma li jkun ahjar biex jigu evitati kwistjonijiet futuri bejn il-partijiet illi minflok il-manteniment ikun maqsum bejn somma fissa u somma li tirraprezenta nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, illi tigi stabbilita' somma wahda mensili li tkopri kollox.

Ghaldaqstant qed tiddeciedi illi mill-jum li fih il-konvenut beda jahdem full time oltre l-impiegi tieghu part-time, u cioe' mill-1 ta' Lulju 2014 huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg minuri Solange u Michele, u cioe' mitejn u hamsa u ghoxrien ewro (€225) ghal kull wild, li jinkludu l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, u attivitajiet extra kurrikulari, u liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Dwar l-access ghat-tfal mill-missier, il-partijiet qablu, para 4 (b) tal-kuntratt, li r-Ragel ghandu jgawdi access liberu u ampju bi preavviz ta' 24 siegha. Fin-nuqqas ta' qbil bejniethom qablu li r-Ragel ikollu access nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5.00pm u d-9.00pm u sleepover darba fil-gimgha mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt fil-5pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt ghall-Hadd fl-istess hinijiet.

L-attrici qed titlob li l-hinijiet tal-access ghat-tfal mill-missier m'ghanhomx ifixklu lit-tfal mill-bzonnijiet skolastici taghhom.

L-attrici ddikjarat ,[14] li t-tifla Solange tispicca mill-iskola fit-3.00pm u tat-trasport tal-iskola jwassalha l-hanut ta' ohtha Susan C. It-tifla jkollha privat kull nhar ta' Erbgha mill-5.00pm sas-6.00pm. Dan pero' m'ghandux jikkreja xi diffikolta' billi nhar ta' Erbgha' l-missier m'ghandux access ghat-tfal.

L-attrici tghid li t-tifel Michele wara l-iskola jibqa' il-Club 3 to 16 u hi tigbru wara x-xoghol fil-4.45pm.

L-attrici thoss li t-tfal  m'ghanhomx jdumu barra sad-9.00pm u dan peress li l-ghada jridu jqumu ghall-iskola.

Il-konvenut mill-banda l-ohra,[15] ddikjara li huwa flessibbli fil-hinijiet u jkun hemm drabi meta l-mara tinfurmah minn qabel u jiftehemu dwar hinijiet alternattivi.

Hu ddikjara li fis-Sajf t-tfal jaghmlu erba' sieghat mieghu, darbtejn fil-gimgha, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis, u mhux saghtejn. Dan iffisser li fil-prattika qed

[14] Fol 41.
[15] Fol 126.

isir kif ipproponiet l-attrici, cioe' li fix-Xitwa l-access tal-missier ghat-tfal idum sas-7.00pm u mhux sad-9.00pm.

Dak li l-partijiet qablu dwar il-festi, birthdays, safar jew indispozizzjoni ta' xi parti u s-sleep over fil-weekend jidher li qed jigi implimentat mill-partijiet b'ebda diffikolta'.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-attrici u tordna li b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 il-manteniment ghaz-zewg ulied minuri Solange u Michele pagabbli mill-konvenut lill-attrici jigi awmentat ghal erba' mija u hamsin euro (€450) fix-xahar, mitejn u hamsa u ghoxrien euro (€225) ghal kull wild, li jizdied kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern biex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Peress li jirrizulta li b'effett minn Novembru 2014 il-konvenut beda jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici d-differenza ma' dak hawn deciz.2. Tilqa' t-tielet talba tal-attrici u tordna li l-manteniment hawn odrnat ghandu jinqata' mis-salarju jew beneficcji imhallsa lill-konvenut u mhallas direttament lill-attrici f'kont bankarju li jigi minnha indikat. 3. Tilqa', in parti, r-raba' talba tal-attrici, u tordna li fix-Xitwa l-access ghat-tfal mill-konvenut idum sas-7.00pm u mhux sad-9.00pm.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**